**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Dicembru, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**-vs-**

**Carlos Calleja, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0449293M**

***Kumpilazzjoni Nru. 615/2016***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carlos Calleja u ċioè talli:

1. Nhar it-22 ta' Novembru, 2016, għall-ħabta tat-tlieta nieqsin kwart ta' filgħodu, fil-lokalita` ta' Santa Venera, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew ipoggi l-ħajja ta' Emanuel Calleja f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi tah daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta fil-partijiet vitali tal-ġisem, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, <u>u dan bi ksur ta' l-Artikli 41, 64 u 211 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;</u>
2. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna Emanuel Calleja liema feriti ikkaġunaw debulizza permanenti fis-

saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew ġabu difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew marda permanenti tal-moħħ u kif ukoll ġabu sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fl-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż u dan skont min iċċertifika Dr. Attard Biancardi M.D. (Reg No. 3124) mill-Isptar Mater Dei, Msida u kif ukoll diversi tobba oħra, u dan bi ksur ta' l-Artikli 214, 215, 217, 218 u 222(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi fil-ħin li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tiegħu arma regolari u ċioe' strument li jaqta'u bil-ponta, jew imitazzjoni t'arma regolari u dan bi ksur ta' l-Artikolu 55(a) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żamm u/jew ġarr strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta' l-Artikli 6 u 51(7) tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi inġurja, insulenta u hedded bi kliem lil Emanuel Calleja u dan bi ksur ta' l-Artiklu 339(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-istess data, ħin, f'dawn il-Gżejjer, saq vettura bil-mutur tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni CGY-057, bi traskuraġni u/jew b'mod perikoluż u bla kont u dan bi ksur ta' l-Artiklu 15(1)(a)(2)(3) tal-Kapitlu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qegħdin jaqbdu d-doveri tagħhom jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom u dan bi ksur ta' l-Artiklu 338(ee) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur u ċioe' Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CGY-057, naqas li f'kull waqt jobdi minnufih kull ordni, indikazzjoni jew sinjal mogħti jew magħmul mill-Pulizija Eżekuttiva fit-twettiq ta' dmirijiethom, u dan bi ksur tar-Regolament 124 ta' L.S.65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-kontroll tiegħu vettura bil-mutur u ċioe' Toyota bin-numru tar-reġistrazzjoni CGY-057, eċċeda l-limitu ta' veloċita', u dan bi ksur tar-Regolament 127 ta' L.S.65.11 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat bħala li sar reċidiv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentemzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża ċioe' Emanuel Calleja, jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew gġall-iskop ta' l- protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imġieba oħra tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat skont l-Artiklu 412C tal-Kapitlu 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurta' ta' l-persuni offiżi u l-familji tagġhom ai termini tal-Artikli 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni tan-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, tal-ammissjoni tieghu w tal-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz

partikolarment tar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Ufficjal tal-Probation.[1]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 64, 214, 215, 216(1)(a)(i), 217, 222(1)(a), 338(ee), 339(e), tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikoli 3(a), 6, 55(a), 51(1)(a) u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-artikoli 15(1)(a)(2)(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tar-regolament numru 124 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u tar-regolament numru 127 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u b'applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation u servizz ghal perjodu ta' tlett (3) snin, filwaqt li qed jigi ordnat jaghmel mitt (100) siegha servizz fil-kommunita`skond kif ikun dirett mill-Ufficjal tal-Probation.

Ai termini tas-sub inciz (4) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tispjega lill-hati bi kliem li jiftiehem sew l-effett tal-ordni u li jekk il-hati jonqos li jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, il-hati jkun jista' jinghata sentenza għar-reat oriġinali. Il-ħati qiegħed jiddikjara li jaqbel ma tali ordni.

A tenur tas-sub inciz (5) ta' l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li tinghata kopja ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' lill-hati, lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u Parole, lill-Ufficjal tas-Servizz tal-Kumunita' assenjat ghall-kaz mid-Direttur u lill-agenziji u l-awtoritajiet responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-Ordni tas-Servizz tal-Komunita'.

L-imputat qed jigi kkundannat ukoll ghall-hlas ta' *multa* ta' €116.47 jitħallsu fi żmien 4 xhur ratealment.

Inoltre` b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(2) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal sitt xhur. Is-

[1] **Dok. DF** a fol. 289 *et seq.*

sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,420.54 rapprezentanti spejjez peritali jitħallsu ratejalment xi żmien 18-il xahar.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

A tenur tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tipprojbixxi lill-imputat milli jkollu xi liċenza taħt dak l-Att għal żmien hames snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**